MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 458/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Emanuele Lauro

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Emanuele Lauro detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 36154M, akkuzat talli:

Fir-residenza tieghu fi Triq Joseph Gravina gewwa l-Gudja, fit-12 t’Awissu 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, bhala l-propjetarju tal-fond ‘Casa Becaroma’ Triq Giuseppi Gravina, Gudja, u bhala persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk ikkommetta serq ta’ dawl ghad-

dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal tal-lum stess.

In vista ta' dan il-verbal tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------